**MINUTI**

**Laqgha b'Urgenza tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 14**

**Data:** **9 ta' Gunju, 2020**

**Hin:** **10.03am**

**Post:** Ko-ordinata mill-Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb permezz tas-sistema Teams

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

# AGENDA

**14.1 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements.**

---

**14.1 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements.**

14.1.1 Is-Sindku spjega li din il-laqgha giet imsejha b'urgenza minhabba li l-Kunsill ried japprova l-financial statements. Saret diskussjoni dwar ir-rapport li kien fih fejn jirrizulta li l-Kunsill jinsab f'qaghda tajba u li la kien hemm profit u lanqas telf. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill approva l-financial statements.

14.1.2 Is-Sindku semma li l-kwotazzjoni tac-CCTV cameras li kienet giet approvata fil-laqgha precedenti. Huwa ssugerixxa li fil-prezent tehel camera wahda u ghaldaqstant staqsa lill-membri liema jahsbu li ghandha tehel l-ewwel fejn fl-istess waqt huwa ssugerixxa li tehel dik ta' Triq San Pietru sabiex jigi kkontrollat il-hmieg taz-zona. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tehel.

| | |
|---|---|
| 14.1.3 | Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu permess sabiex jinfethu l-playing fields u ghaldaqstant il-haddiema kienu qeghdin jahdmu biex dawn jinfethu din il-gimgha jew id-diehla. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jinfethu. |
| 10.14am | Tonio Mifsud dahal ghal-laqgha |
| 14.1.4 | Is-Sindku qal li bhala Kunsill jaghti l-assistenza tieghu lil Gharb Rangers F.C. Huwa zied jghid li peress li l-Kunsill jaghti hafna ghajnuna, ssugerixxa li l-Kunsill ikollu delegat tieghu rapprezentat fil-kumitat tal-Gharb Rangers biex b'hekk il-Kunsill ikun infurmat b'dak li jkun qed jigri u l-Kunsill jara kif jaghti l-assistenza tieghu. Joseph Mizzi ssugerixxa li jkun il-Kunsill li ghandu d-delega ta' l-isports li f'dan il-kaz huwa l-Vici Sindku. Min-naha tieghu l-Vici Sindku accetta li jkun membru. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li ghandha tintbghat ittra lill-Kumitat u jaghmel din it-talba. |
| 14.1.5 | Is-Sindku qal li gie avvicinat minghand il-membri tal-Gharb Rangers fejn huma talbu li jigu mhallsa ghat-tindif u manutenzjoni tal-latrina ghax-xhur li kienet maghluqa minhabba l-Covid-19. Il-Kunsill qabel li ghandu jhallas ghat-tindif kemm tal-latrina kemm dik ta' Triq Trux kif ukoll dik ta' Ta' Pinu. |

Il-laqgha spiccat 10.19am

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |